MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2008

Mandat Numru. 15/2008/1

**Nathalie Tabone.**

**vs**

**Mark Tabone.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni ta’ Nathalie Tabone datat 18 ta’ Jannar 2008 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-esponenti ghamlet quddiem il-Qorti ta’ gurisprudenza kontenzjuza kawza ghas-separazzjoni personali;

Illi l-intimat ghandu l-maggoranza tal-ishma li tappartjeni lill-komunjoni ta’ l-akkwisti fis-socjeta` kummercjali:

1. Tabone Ententerprises (Malta) Limited C 20072.
2. Tabone Buildings Limited (C 3588).

U ghalhekk talbet li jinhareg mandat ta’ inibizzjoni sabiex l-intimat jigi inibit milli jbiegh, jnehhi, jittrasferixxi jew xort’ohra jiddisponi sew b’titolu gratuitu, xi proprjeta’ immobbli jew jeddijiet marbutin maghha li tkun proprjeta’ ta’ l-intimat u b’mod partikolari:-

(1) Ishma fis-socjeta` Tabone Enterprises (Malta) Limited C 20072, u l-proprjeta` mmobbli garage / warehouse, numru sittax (16) New Street of Triq San Gwakkin, Imriehel; u

(2) Ishma fis-socjeta’ Tabone Buildings Limited (C 3588)

Ir-rikorrenti iddikjarat illi *ai termini* tal-**artikolu 843 (1) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta’ Malta**, hi ddeduciet il-pretensjonijiet taghha kif hawn dedotti permezz ta’ kawza pprezentata kontestwalment mal-prezenti fil-Qorti Civili (Sezzjoni Familja).

Rat id-digriet tal-Qorti tat-18 ta’ Jannar 2008 (fol.3) fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament, u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-seduta tad-29 ta’ Jannar 2008, b’ dan illi ordnat in-notifika ta’ l-istess rikors lill-kontro-parti b’ ghaxart ijiem (10) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta’ Mark Tabone datata 28 ta’ Jannar 2008 a fol. 5 tal-process fejn espona: -

1. Illi preliminarjament jigi sottomess li t-talba tar-rikorrenti ma tistax tigi akkolta *stante* li ma ntuzatx il-procedura idonja fil-ligi. Illi umilment jigi sottomess li t-talba taghha biex l-intimat jigi inibit milli jitrasferixxi l-ishma f’ socjetajiet kummercjali kellha tigi mposta skond l-**artikolu 876 (a)**.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost f’ dak li jirrigwarda s-socjeta` kummercjali Tabone Buildings Limited C 3588 l-esponent jissottometti s-segwenti:

i) Illi l-partijiet izzewgu fis-sena 1992;

ii) Illi l-ishma f' isem l-intimat fis-socjeta` kummercjali Tabone Buildings Limited C 3588 huma propjreta` parafernali tal-esponent;

iii) Illi fil-31 ta' Mejju 1996 Tabone Enterprises Limited li hija socjeta` tal-familja tal-intimat permezz ta' *resolution* bidlet l-isem taghha ghal Tabone Buildings Limited. Fil-fatt n-numru tar-registrazzjoni ta' Tabone Enterprises Limited u ta' Tabone Buildings Limited u cioe` C 3588 huwa identiku; (Dok "A").

iv) Illi jigi wkoll rilevat li llum Mark Tabone ghandu f' isem 2250 *ordinary B Shares* f' din il-kumpanija (Dok "B") li huwa l-istess ammont ta' *shares* li huwa kellu f' ismu fis-sena 1991 kif inhu muri fl-*annual return* ta' Tabone Enterprises Ltd C 3588 datata 26 ta' April 1991 (Dok. "C");

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost f' dak li jirrigwarda s-socjeta` Tabone Enterprises (Malta) Limited (C 20072) l-esponet jissottometti s-segwenti:-

i) Illi Tabone Enterprises (Malta) Limited (C 20072) giet in ezistenza meta s-socjeta` Tabone Buildings Limited gia` Tabone Enterprises Limited kienet trasferiet l-i*stock* kollu taghha lis-socjeta` Tabone Enterprises (Malta) Limited;

ii) Illi Tabone Enterprises Limited ghadha sallum debitrici tas-socejta` Tabone Buildings Limited;

iii) Illi Tabone Enterprises Limited illum Tabone Buildings Limited hija socjeta` li tappartjeni lill-familja Tabone (il-familja tal-intimat) (Dok 'C"). Indikattiv huwa l-fatt li l-isem tas-socjeta` Tabone Enterprises (Malta) Limited huwa prattikament identiku ghal dak li kien l-isem tal-kumpanija li ggib n-numru C 3588.

iv) Illi l-esponet qabel iz-zwieg kien diga` jahdem fil-kumpanija tal-familja Tabone Enterprises Limited u kien fis-sena 1996 li sabiex jkun jista' jmexxi ahjar in-negozju

tal-familja li l-istock u l-avvjament ta' dan in-negozzju gie trasferit fil-kumpanija Tabone Enterprises (Malta) Limited C 20072. Illi effettivament x-*shareholder* ta' din il-kumpanija huwa John Tabone missier l-esponent (Dok "D").

Illi l-esponent fil-waqt li jirriserva d-dritt tieghu li jaghmel sottomissjonijiet u jipprezenta xhieda u dokumenti, jissottometti li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

Rat id-dokumenti annessi mar-risposta ta' Mark Tabone u esebiti minn fol. 8 sa fol. 18 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-29 ta' Jannar 2008 quddiem din il-Qorti fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u l-partijiet. Dr. Ilona Debono ndikat li r-risposta li tinsab fl-atti tal-proceduri Rikors Nru. 16/08 li tinsab fuq il-lista datata 29 ta' Jannar 2008, huma ntizi bhala risposta f' dawn l-atti, u talbet li l-istess risposta tigi nserita f' dawn l-atti. Dr. Sladden irrimettiet ruhha. Il-Qorti laqghet it-talba. Dr. Sandra Sladden ghar-rikorrenti rtirat it-talba taghha fir-rigward ta' l-ishma fis-socjeta Tabone Buildings Ltd (C 3588). Dr. Sandra Sladden b'referenza ghall-ewwel pagna tar-rikors talbet korrezzjoni fis-sens li n-numru C 20070 jigi sostitwit ghall-20072. Dr. Debono rrimettiet ruhha. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni rikjesta. Ir-rikors gie differit ghall-provediment finali ghat-13 ta' Frar 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra ta' din il-procedura.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni f'kazi ta' separazzjoni personali u fejn r-rikorrenti qed titlob li l-intimat jigi inibit milli jbiegh jew b'xi mod jittrasferixxi l-Ishma fis-socjeta` Tabone Enterprises (Malta) Limited C 20072, u l-proprjeta` mmobbli *garage / warehouse*, numru sittax (16) New Street of Triq San Gwakkin, Imriehel, u

dan peress li jirrizulta li hemm kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet u peress li r-rikorrenti qed tippretendi li l-istess ishma jifformaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet. Dan qed jinghad peress li t-talba tar-rikorrenti fir-rigward tal-ishma fis-socjeta' Tabone Buildings Limited (C3588) giet irtirata b'verbal ta' Dr. Sandra Sladden ghar-rikorrenti datat 29 ta' Jannar 2008.

Illi din il-Qorti thoss li l-procedura uzata hija wahda idonea ghal tali talba u saret skond il-ligi u wkoll gie ppruvat *prima facie* li tali ishma fis-socjeta` Tabone Enterprises (Malta) Limited C 20072, indikata jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk it-talba attrici qed tigi milqugha kif proposta fil-kuntest tal-istess ishma fis-socjeta` Tabone Enterprises (Malta) Limited C 20072, u l-proprjeta` mmobbli *garage / warehouse*, numru sittax (16) New Street of Triq San Gwakkin, Imriehel,

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrenti fil-kuntest tal-ishma fis-socjeta' Tabone Buildings Limited (C3588) u dan peress li tali talba giet irtirata permezz ta' verbal datat 29 ta' Jannar 2008, u fil-waqt li tichad ir-risposta tal-intimat in kwantu inkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni** kif rikjest mir-rikorrenti fir-rikors taghha datat 18 ta' Jannar 2008 u dan fir-rigward tal-ishma fis-socjeta` Tabone Enterprises (Malta) Limited C 20072, u l-proprjeta` mmobbli *garage / warehouse*, numru sittax (16) New Street of Triq San Gwakkin, Imriehel.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------